# X'ġara f'Birkirkara mill-1935 sa l-1939

Fil-bidu tas-sena 1935, l-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Mawru Caruana ressaq rikors quddiem il-Kongregazzjoni tal-Konċilju f'Ruma, li fih talab digriet biex ir-renti tal-kanoniċi ta' Malta kollha jogħlew għal prebenda ta' ħamsa u tletin lira fis-sena, u jekk ma jilħqux dan il-limitu jiġu devoluti, jiġifieri, jaqbadhom f'idejh l-Ordinarju, li huwa l-Isqof Djoċesan. Dan ifisser li l-kanoniċi jibda jagħżilhom hu biss u bla ma jindaħallu ħadd. F'April ta' l-istess sena l-Kongregazzjoni tal-Konċilju laqgħet l-imsemmi rikors u ħarġet id-digriet relattiv bid-data ta' l-10 t'April 1935. Sakemm għadda s-sajf il-Kurja ma tkellmet xejn.

F'Ġunju ta' l-1935 l-Isqfijiet ta' Malta u t'Għawdex ġabu f'Malta lil Fr. Alexio Henrico M. S.R.E. Kardinal Lepicier O.S.M. bħala Legat Appostoliku tal-Papa Piju XI u flimkien għamlu dak li ġie msejjaħ il-Konċilju Reġjonali fuq il-presbiterju tal-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Fi ftit kliem, fost ħwejjeġ oħra, ġie ordnat b'daqqa ta' pinna, li kellha titneħħa l-konswetudni tal-Kuda jew Kappa Manja Maħlula li jilbes id-Dekan meta jassisti lill-Prepostu fil-funzjonijiet solenni Prepositorjali. Issa, din id-deċiżjoni ta' l-Isqfijiet Maltin fil-Konċilju ma setgħetx tiġi applikata għall-Kapitlu ta' Birkirkara, għax għal dan il-Kapitlu, il-Kuda qatt ma kienet konswetudni, iżda privileġġ dikjarat fil-Bolla ta' l-Erezzjoni u fl-Istatuti tal-Kolleġġjata. Wara li għaddew il-festi tas-sajf, inklużi dawk ta' Sant' Elena u tal-Vitorja, l-Arċisqof Caruana ħareġ ċirkulari uffiċjali tal-Kurja, datata 25 ta' Settembru 1935, li biha l-Kolleġġjati kollha ta' Malta u Għawdex kellhom jgħollu r-renti tal-kanonċi kollha għal mhux anqas minn ħamsa u tletin lira fis-sena. Għall-Kapitlu Elenjan, f'dak il-mument, dan kien xi ftit impossibbli billi l-prebendi li kienu stabbilew iż-żewġ Fundaturi ma kienx possibbli li jogħlew kif ġieb u laħaq.

Sadattant, qam ferment kbir fost il-poplu Karkariż meta dan sar jaf biċ-ċirkulari, kif kien ġara wkoll f'xi Kolleġġjati oħra. Il-Kapitlu tagħna kellu jaċċetta li jogħlew il-prebendi. Iżda biex jevita nkwiet kbir fost il-Karkariżi li qamu għalenija a favur ta' l-istess Kapitlu, b'ittra tat-22 ta' Lulju 1936 talab lill-Arċisqof Caruana biex jestendilu ftit iż-żmien. B'ittra tal-31 ta' Lulju l-Arċisqof Caruana irrisponda li ma riedx itawwal iż-żmien ta' sena kif kien stipulat fiċ-ċirkulari.

Fil-fatt ġara li malli għalqet is-sena, l-Arċisqof Mawru Caruana ħataf il-Ġuspatronati, ħaġa li ma setax jagħmel u li tmur ukoll kontra l-liġi ċivili, u beda jaħtar hu nnifsu l-Kanonċi l-ġodda b'abbuż ta' l-intenzjoni tal-Fundaturi Borgia u Perin Borg, kif elenkat u espress fil-Bolla ta' l-Erezzjoni. Il-Kapitlu Elenjan ta' dak iż-żmien ipprotesta bil-qawwa kollha, iżda ġie mhedded mill-istess Arċisqof biex ma jitniffisx, minkejja l-qawwa tal-fundazzjoni u tal-Bolla formidabbli tal-Papa Urbanu VIII li biha waqqaf il-Kolleġġjata taħt kundizzjonijiet eċċezzjonali.

*Sadattant il-Kanonku Kantur ta' dak iż-żmien, Dun Manwel Grech, imlaqqam Ta' l-Ostji, hu t-tabib li kien magħruf bħala Is-Sur Pawl, kien issuġġerixxa lill-Kapitlu biex dan jibqa' jagħmel kollox xorta bħal qabel u jħalli lill-Isqof jagħmillhom kawża hu. Il-Kapitlu ma kienx laqa' dik il-proposta għax kien mhedded bil-piena tas-sospensjoni a Divinis jekk jaġixxi kontra dik iċ-ċirkulari tal-25 ta' Settembru 1935.*

*Dak id-Digriet tal-10 ta' April 1935 ma setax jiġi applikat għall-Kolleġġjata ta' Birkirkara bla ma ssir referenza speċifika u eżatt għall-Bolla tal-Papa Urbanu VIII Sacri Apostolatus Ministerio fejn kellhom jissemmew u jiġu kkwotati kelma b'kelma il-Klawsola Sublata u d-Digriet Irritanti, kif jinsabu mniżżlin preċiżament fil-Bolla ta' l-erezzjoni. Dan, u propju dan kien li kellu jagħmel, iżda li ma għamilx, l-Arċisqof Caruana meta ressaq ir-Rikors. Jiġifieri, kellu jinforma lis-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju li l-Bolla ta' Urbanu VIII teżenta lill-Kolleġġjata ta' Sant' Elena minn kull digriet li jista' jmur kontra xi ħaġa mill-kontenut ta' l-imsemmija Bolla. B'hekk, f'inqas minn sena, il-Kolleġġjata ta' Birkirkara ġiet imċaħħda minn ħafna mill-qawwa u l-kobor tagħha.*

*Fil-bidu ta' l-1936 il-poplu Karkariż, peress li l-Kapitlu kellu sarima azzarjata ma' ħalqu, qam bi ħġaru biex jidħol hu stess għad-difiża tad-drittijiet tal-Kolleġġjata għażiża tiegħu. Wara ġbir ta' eluf ta' firem tal-kapijiet tal-familji Karkariżi, b'mod l-aktar legali twaqqfet is-Soċjetà Dun Filippu Borgia. L-ewwel Kumitat tagħha kien kompost mill-krema ta' l-intelliġenzja Karkariża li kienu l-akbar patrijotti f'Birkirkara, li allura ffurmaw l-ewwel Kumitat u l-Istatuti. Fl-ewwel ħidmiet tagħha tqabbad avukat f'Ruma biex ifittex u jinforma lil din is-Soċjetać bil-proċeduri neċessarji fiċ-ċirkustanzi speċjali tal-Kolleġġjata Karkariża fil-mument.*

*Sadattant il-każini tal-baned ftehmu bejniethom biex jieħdu pożizzjoni ta' protesta u ddeċidew li jekk isiru xi festi ma jiħdux parti. L-ewwel festi li ma sarux kienu Santu Kruċ u tad-Duttrina. Imbagħad wasal Corpus, festa ta' solennità Prepostirorjali. L-għaqdiet iddeċidew li f'sitwazzjoni hekk gravi, għall-mument ma jiħdux sehem fil-purċissjoni. Fil-paniġierku ta' Corpus, li sar mill-Monsinjur Professur Carmelo Bonniċi, li kien Prepostu ta' Birkirkara, kien intqal li "... gwaj għalih dak il-bniedem li jiċħad il-festi ta' Kristu... eċċ."*

*Peress li l-Kapitlu kien ħa deċiżjoni unanima f'laqgħa kapitulari, li ma jħallix il-Prepostu Dun Manwel Vella jiffunzjona bir-rit Prepositali, id-Dekan kien ikun dejjem hu ċ-ċelebrant fil-festi primarji. Dak inhar ta' Corpus kien hemm għaqda waħda biss li riedet tieħu parti fil-purċissjoni, iżda meta rat li ġej l-inkwiet, irtirat u ċediet għad-deċiżjoni tal-poplu. Dan ġara meta d-Dekan Dun Kustanz Muscat kien fil-bieb tal-knisja ħiereġ bis-Sinjur. Billi l-fratellanzi kollha ma kinux jieħdu sehem fil-purċissjonijiet, il-baldakkin iż-żgħir kien jintrefa' minn sitt seminaristi mibgħutin mis-Seminarju Maġġuri. Dan kollu għextu jien u naħseb li baqa'*

*ħafna nies li jiftakruh u jistgħu jikkonfermawh.*

*Din kienet l-ewwel sena li ma kinux baqgħu isiru festi esterni. Fil-fatt l-armar tat-toroq ta' Birkirkara f'Santa Liena ma kien jintrama qatt u nar ma kienx jinħadem, għalkemm il-purċissjoni tradizzjonali ta' Santa Liena kienet toħroġ dejjem filgħodu, bil-kleru u l-Kapitlu biss u kif tidħol jintuża l-privileġġ tad-dumtaxat u tibda l-quddiesa bil-mużika gwappa tas-surmast Ġużeppi Camilleri li kien ikun armat sa snienu. Ma rridx ninsa ngħid illi l-istatwi fil-knisja għall-festi ma kienu joħorġu qatt, għax dawk li joħorġuhom kienu taw sehemhom fil-protesta wkoll. F'dan l-istat ta' dwejjaq kienet tinsab Birkirkara bejn is-sena 1939 u l-1949.*

*F'Mejju tal-1937 l-avukat tas-Soċjetà D'Alessandrini li kien ingħata l-inkarigu li jaġixxi f'isem is-Soċjetà Borgia f'Ruma, talabha biex malajr kemm jista' jkun u bl-akbar galbu u preċiżjoni, jifformulaw Memorjal fuq dak kollu li sar ħażin kontra d-drittijiet u l-privileġġ tal-Kolleġġjata, b'mod speċjali l-Ġuspatronati. Dan il-Memorjal inħadem bejn il-Kapitlu u s-Soċjetà wara bosta riċerki intensivi li ħadu ħafna xhur biex ġew konklużi. Bdew jinġabru fondi mill-poplu kellu għaliex ix-xogħol ta' l-avukat f'Ruma kien wasal biex jibda jitħallas.*

*Fi Frar tal-1938 l-avukat D'Alessandrini ippreżenta l-Memorjal datat 10 ta' Jannar 1938 quddiem is-Senjatura Apostolika li hija l-ogħla Tribunal tal-Knisja. Wara li din il-Qorti eżaminat l-imsemmi Memorjal, li kien jifforma l-petizzjoni tal-poplu Karkariż, rat ukoll l-Eċċezzjoni li kien ressaq l-Arċisqof Mawru Caruana, u bagħatet kopja tagħha lis-Soċjetà għall-kummenti bla wisq dewmien. Din l-Eċċezzjoni tgħid li "...Is-Soċjetà Don Filippo Borgia hija biss għaqda lajkali li m'għandha ebda dritt ġuridiku li tidher tiddefendi l-kas tal-Kapitlu ta' Birkirkara fuq deċiżjonijiet li ttieħdu fil-Konċilju Reġjonali tal-1935."*

*Is-Soċjetà ltaqgħet b'urġenza. Iddiskutiet fit-tul u bir-reqqa kollha din l-Eċċezzjoni, u minflok baqgħet inadempjenti, kienet pronta wieġbet b'mod effikaċissmu għall-punti ta' l-Arċisqof.*

*Meta l-Imħallfin ta' dik il-Qorti Suprema eżaminaw kollox bl-akbar reqqa u daħlu profond fil-kwistjoni, iddekretaw fuq l-Eċċezzjoni ta' l-Arċisqof fil-11 ta' Mejju 1939. Dik il-qorti rrikonoxxiet lis-Soċjetà Don Filippo Borgia kif ukoll id-dritt tagħha li tirrapreżenta lill-poplu Karkariż fil-kawża li għandha d-dritt tiftaħ kontra l-Arċisqof ta' Malta quddiem il-Qorti l-oħra tas-Sagra Romana Rota. Sadattant il-poplu Karkariż mill-1936 sal-1949, iż-żewġ dati inklużi, b'dispjaċir u niket kbir u kontra qalbu, kien waqqaf il-festi esterni kollha, inkluża dik tal-padruna tagħna Sant'Elena. Dan il-perjodu ta' Birkirkara bla festi kien dam għal erbatax-il sena u nofs billi kienet bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija li minħabba fiha kellu jieqaf kollox għal perjodu ta' ħames snin. Jekk nibqa' ħaj, sena oħra nkompli sal-ħamsinijiet.*

*V. Parnis*